MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 272/2007

**Av. Dottor David Tonna bhala prokuratur specjali ghan-nom u *in rappresentanza* taz-zewg socjetajiet esteri adidas International Marketing B.V. u adidas-Salomon AG**

**vs**

**Dr. Richard Sladden u PL Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' *intimata Eurl Bachimp* nominati b'digriet tal-Qorti tal-4 ta' April, 2007**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Avukat David Tonna ghan-nom *in rappresentanza* taz-zewg socjetajiet esteri adidas International Marketing B.V. u adidas-Salomon AG wara li ppremetta illi:

Is-socjeta' rikorrenti *adidas International Marketing B.V., ta` Koningin Wilhelminaphein 30, 1062 KR Amsterdam, tal-Olanda* hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju distintiv maghruf bhala *"three stripes device"* liema markju huma wzati fuq diversi prodotti prodotti bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument *"A".*

Dina l-ewwel socjeta' rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess markju distintiv *"three stripes devices"* fil-komplessita' tieghu irregistrat fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No. 29740* (kif muri f'Dok. *"A"*), kif ukoll minhabba l-fatt illi dina l-ewwel socjeta' rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku *"three stripes device"* u dan kollu *ai termini* tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Is-socjeta' rikorrenti *adidas International Marketing B.V., ta` Adidassler-Str. 1-2, 91074 Herzogenaurach, tal-Germanja* hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markji distintivi maghrufa bhala *"three stripes device on clothing", "trefold device"* u *"adidas"* liema markji huma wzati mis-socjeta` rikorrenti fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhala abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti *"B", "C", "D" u "E".*

Dina t-tieni socjeta' rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess markji distintivi *"three stripes devices on clothing", "trefold device"* u *"adidas"* fil-komplessita' taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No. 10994* (kif muri f'Dok. *"B"*), *Trademark No. 30173* (kif muri f'Dok. *"C"*), *Trademark No. 13562* (kif muri f'Dok. *"D"*), *Trademark No. 29878* (kif muri f'Dok. *"E"*), kif ukoll minhabba l-fatt illi dina t-tieni socjeta' rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq dawn l-imsemmija disinnji jew xogholijiet artistici *"three stripes device on clothing", "trefoil device"* u *"adidas"* u dan kollu *ai termini* tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta'

Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jirrizulta illi fil-31 ta' Jannar, 2007 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur *MV "CMA-CGM WAGNER"*, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' zraben sportivi li jgibu l-markji tas-socjetajiet rikorrenti fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f`hamest elef tlett mija u tmienja u ghoxrin (5,328) par, b'*Container Numru GLDU7254245* u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-Artikolu 4 tal-KAP. 414;

Mill-Polza ta' Kargu Numru *SZ 1311446* jirrizulta li l-konsenjatarji taz-zraben sportivi *in kwistjoni* huma ndikati bhala *Eurl Bachimp Rue A C No 1, Benboulaid Blida Algerie,,* mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma ndikati bhala *Highstart Industry Co., Ltd.;*

Id-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta' intellettwali huwa projibit skond l-Artikolu 4 ta' l-istess KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Dawn iz-zraben sportivi *in kwistjoni* jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali taz-zewg socjetajiet rikorrenti skond l-Artikolu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-KAP. 414 li favur taghhom huma rregistrati l-markji distintivi maghruf bhala *"three stripes device", "three stripes device on clothing", "trefoil device"* u *"adidas"*, kif spjegat aktar il-fuq, u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet tal-awtur illi z-zewg socjetajiet rikorrenti ghandhom fuq l-imsemmija markji distintivi rispettivi taghhom li huma wkoll xogholijiet artistici protetti bil-KAP 415 tal-Ligijiet ta` Malta – Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur, u dan skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-KAP. 414, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tal-ewwel socjeta` rikorrenti adidas International Marketing B.V. f`ishem iz-zewg socjetajiet rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. *"F"*);

Din il-konsenja ta' zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-KAP. 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu iz-zewg socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. *"C"*);

10. L-Avukat Dr. David Tonna noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandati tieghu;

Talbu lis-socjeta' intimata tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Fil-konfront taz-zewg socjetajiet tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi *in kwistjoni* li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-KAP. 414);

2. Fil-konfront tal-ewwel socjeta` rikorrenti, jigifieri adidas International Marketing B.V., tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi li tikkonsisti fi hamest elef tlett mija u tmienja u ghoxrin (5,328) par, b`Container Numru GLDU7254245 *da parti* tas-socjeta' intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali ta' dina s-socjeta' rikorrenti *in kwantu* li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-KAP. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrat f'isem is-socjeta' attrici bin-Numri 29740 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti

ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha *“three stripes device”*;

3. Fil-konfront tat-tieni socjeta` rikorrenti, jigifieri adidas-Salomon AG, tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ zraben sportivi li tikkonsisti f`hamest elef, tlett mija u tmienja u ghoxrin (5,328) par, b`Container numru GLDU7254545 da parti tas-socjeta` intimate u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta` proprjeta` intellettwali ta` dina s-socjeta` rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Kap. 414, udan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f’isem is-socjeta’ rikorrenti bin-Numri 10994, 30173, 13562 u 29878 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` ghandha fuq ix-xogholijiet artistici taghha *“three stripes device on clothing”, “trefoil device”, u “adidas”;*

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjetajiet rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi *in kwistjoni* minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta’ konvenuta, skond l-Artikolu 8 tal-KAP. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista’ skond it-termini ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) – KAP. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta’ intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi *in kwistjoni*, l-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta’ intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Richard Sladden u tal-PL Veronica Rossignaud.

1. Preliminarjament, l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu r-risposta taghhom fid-dettal fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw mal-assenti socjeta` konvenuta;

2. Ghal dan l-iskop kitbu lill-avukat tas-socjetajiet attrici sabiex jinghataw kull informazzjoni inkluz indirizz tas-socjeta` konvenuta EURL Bachimp;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, irid jigi ppruvat li l-affarijiet kollha indikati fir-rikors guramentat huma falsifikati u / jew imdahhla Malta b`piraterija u/jew jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tas-socjetajiet attrici;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodott.

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi jirrizulta li Dottor David Tonna huwa mandatarju tas-socjetajiet esteri adidas International Marketing B.V. u adidas-Salomon A.G.

Jirrizulta mill-provi li s-socjeta` hija International Marketing B.V. proprjetarju ta` diversi trademarks inkluzi dawk li jkopru abbiljament, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra taht Trademark No. 29740.

Jirrizulta wkoll illi s-socjeta` adidas-Salomon A.G. hija proprjetarja ta` diversi marki distintivi taht Trademark No 30173 u Trademark No. 39878 u Trademark No. 13562.

Jirrizulta li fil-31 ta` Jannar, 2007 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur “MV CMA CGM WAGNER”, konsenja ta` zraben sportivi f`Container Nru GLDU 7254245.

Dan jirrizulta mill-affidavit ta` George Agius, fizzjal tad-Dwana.

Jirrizulta wkoll mill-affidavit ta` Timothy Behean li dawn iz-zraben m`humiex genwini u jikkontravvjenu d-drittijiet tal-proprjeta` intellettwali tas-socjetajiet rikorrenti.

Dawn il-provi ma gew kontradetti bl-ebda mod u ghalhekk jirrizultaw pruvati fi grad tekniku bizzejjed.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati, tilqa` l-ewwel talba kontenuta fir-rikors promotur, tilqa` t-tieni talba, tilqa` t-tielet talba, tilqa` r-raba` talba u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddistruggi l-merkanzija msemmija u dan sa mhux aktar tard minn xahar minn dakinhar li jigi notifikat, a karigu tar-rikorrenti, b`kopja awtentifikata ta` din is-sentenza.

Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex mhux aktar tard minn hmistax-il gurnata mid-distruzzjoni tal-merkanzija kif ordnat, idahhal nota fl-atti ta` din il-kawza li biha jgharraf il-Qorti bl-esekuzzjoni tal-ordni moghtija f`din is-sentenza.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba.

Tilqa` s-sitt talba.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata, b`dana li d-drittijiet tal-kuraturi deputati jithallsu provvisorjament mir-rikorrent nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------